# AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

**Minn Hebron ghall-Bahar Mejjet.** Qegħda ssir triq wiesgħa, watja, u miksija bl-asfalt, li mill-belt ta' Hebrôn, il-Ġordanja (Palestina) tieħu għall-Baħar il-Mejjet. Billi Hebrôn hi belt kbira ġmielha, u kull ma jmur qegħda aktar tikber, u n-nies ġejjin u sejrin minnha għal Għammân, dit-triq qegħda ssir biex tqassar il-bogħod u tħaffef il-mawrien bejn dawn iż-żewġt ibliet.

**Tiswijiet ħdejn l-Ghar ta' Betlehem** — Imiss mal-Għar tat-Twelid, f'Betlehem, hemm Katakombi qadim, li fih jinsabu l-oqbra tat-Trabi Martri, ta' san Ġlormu u tal-omm u l-bint, santa Pawla u sant' Ewstokja. Ftit ilu l-Franġiskani, li dan il-Katakombi huwa tagħhom, daruh dawra u żejjnuh sabiħ, u x-xahar li għadda żanżnuh u berkuh. Bierku l-President tal-Kustodja, l-W.R. P. Nazju Mancini, u saret naqra ta' festa u marru għaliha ħafna nies.

**Knisja Griega f'Betghanja** — Il-qassisin Griegi Ortodossi għandhom biċċa raba ma' ġenb il-Qabar ta' Lażżru f'Betgħanja. Kif kienu jħaffru fiha ilu ftit sabu l-ħajt ta' knisja qadima, li kienet bniet hemm is-sultana Melisenda fis-seklu Tnax. Issa hemm sa jibnu kappella, li tkun qrib il-Qabar ta' Lażżru sew.

**Id-Dejr ta' Gebel Sinaj** — Hemm biża' li d-Dejr antik ta santa Katarina fuq Ġebel Sinaj, ikollu jingħalaq għal kollox. Il-ħtija ta' dan hu n-nuqqas ta' Rħieb. Billi m'humiex imorru jgħixu fih Irħieb ġodda, meta jmutu x-xjuħ li hemm issa, ma jibqax min jieħu ħsiebu. L-Arċisqof ta' Sinaj, li jgħammar fl-Eġittu għamel sejħa, minn fuq ir-Radju u l-gazzetti t'Ateni, biex ir-Rħieb iż-żgħażagħ jaħsbuha ftit, u ma jħallux li l-Knisja Griega titlef dak it-teżor kollu.

**L-ilma tal-Gordan** — Xahrejn ilu nbeda x-xogħol biex jittieħed l-ilma mix-xmara tal-Ġordân għat-tisqija tar-raba. Ix-xogħol inbeda qrib raħal jismu l-Għadasija, bgħid disgħin mil u kwart minn Għammân. Saret festa żgħira u kienu mistiedna ħafna nies. Kien hemm ukoll għadd ta' nies kbar, minn Għamman u minn bliet oħra, u mill-Ewropa wkoll. Ix-xogħol fetħu is-sur Subħi Kaħħala, direttur tax-xogħol tal-Bjiedja fil-Ġordan.

**Pellegrinagg ta' Tobba** — Għadd ta' Tobba Kattolki Taljani marru jżuru żjara bil-għaġla lil Ġerusalem flimkien ma' żewġ Isqfijiet: l-Eċċ. Tiegħu Mons. Baldini, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Angelini u l-Professur Gedda. Dawn it-tobba fiż-żmien li kienu f'Ġerusalem qagħdu f'*Casa Nova*, jew Lukanda tal-Franġiskani. Għamlu l-Vija Sagra fit-toroq tal-belt minn fejn għadda Kristu bis-salib, u taw eżempju tajeb lil kull min raħom għad-devozjoni tagħhom.

**Minn Nazaret ghal Malta** — Ftit hawn nies jafu li s-Sorijiet Klarissi li hemm san Ġiljan, imnisslin minn Nazaret. Hekk hu; u fil-10 ta' Diċembru li għadda (1964) għalqu f'Malta Ħamsin Sena. Biex in-nies ikunu jafu kemm batew dawn is-Sorijiet minn meta t-Torok keċċewhom minn Nazaret fl-1914, sa kemm sabu post fejn joqgħodu f'Malta, il-Patri Kummissarju tal-Art Imqaddsa ħareġ ktieb żgħir (66 faċċata barra l-istampi) mimli b'tagħrif ħaj, miktub fuq il-post. Min irid jaqrah, jitolbu mill-Kummisserija tat-T.S., Kunvent "Ta' Ġieżu", l-Belt.

# REQUIESCANT IN PACE

*Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.*

MELLIEĦA — Ġovanna Muscat Vittoria Butigieg. Carmelo u Carmela Frendo. Ġovanni u Rosa Frendo. Ġuseppi u Michele Fava. Carmel Camilleri. Ġużi Ġovanna Grech. Philippu Bartolo u Salvu Sant. Wistin Marianna Toni Gauchi. Carmela Carmelo Toni Grima. Rosina u Ġużi Attard.

BALZAN — Nikola u Lwisa Xerri. Nardu Gregoriu Franġisku Carmela Camilleri. Carmelo u Maria Assunta Briffa. Franġisku Maria u Ġużi Camilleri. Fredu Ugo Olga Bice Maria Morris Carmela Pizzuto. Salvu Psaila Alessandru Meylak. William Burridge Ġanna Ġanni Asciak. Marjanna Mallia.

BIRKIRKARA — Familja Ġużeppi Zarb. Ġuża Franġisku Mallia. Grezia u Toni Borg. Ġanni Parnis. Ami Mifsud. Maria Dingli. Anglu Franġisku Borg. Berta Gauchi. Maria Galea. Ġużeppi Tonina Carmela Galea. Ġużi u Carmela Camenzuli. Carmelo Sammut Teresa Sammut. Catarin Parnis. Anglu u Carmelo Vella. Mikiel u Ġuditta Camilleri. Fonzu Gatt. Kelina Margherita u Ġovanni Cassar. Ġużeppa Cassar. Toni Zammit u Salvu Zammit. Vitorin Maria Borg. Ġużeppi Spiteri Censa Pulo. Grezzju Ġużeppi Cassar. Manwel Sammut. Ġilardu Buhagiar. Toni u Maria Sammut Mikiel u Pawla Fenech. Ġużi Refalo. Manwel u Tonina Refalo. Ġużi Criscti Carmelo Toni Cauchi. Ġużeppa Raffaele u Wenza Salerno. Ġużeppi Lisa Feliċ Loreta Carmelo Cutajar. Ġovanna Ġorġ Mimi u Ġanni Galea. Ġanna u Kostantinu Grima. Angla Zarb. Ġużeppa Mikiel Cefai. Carmelo Mamo. Eġizia Wiet. Teresa Camilleri Wenzu Galea Maria Dolores Galea Ġovanni Galea u Ġużi Galea.

BIRŻEBBUĠIA — Cetta u Mikiel Galea. Carmelo Farrugia. Carmelo Caruana Toni Farrugia. Franġisku Cassar. Katarin u Baskal Agius. Toni Camilleri. Giammaria Psaila. Carmela u Ġovanni Callus. Mejtin Familja Vella Cetta Franġisku Diacono. Mikiel Fenech. Ġorġ Caruana.

SLIEMA — Manwel u Katarin Borg. Ġovanni u Anġla Zammit. Carmela Ġużi Willie u Lily Vassallo. Elena u Salvu Savona. Ġużi Maria u Katarin Micallef. Wenzu Ġużi u Rosario Falzon. Ġanni u Ġuża Bonello. Lina u Dwardu Pellegrini. Wiġi u Eva Falzon.

ATTARD — Ġużi Carmela Degabriele. Grazia u Pawlu Buhagiar. Ġużi u Lily Tonna. Ġużeppi Maria Spagnol. Furtunata Galea. Censu Cutajar.

MARSAXLOK — Saver Margherita Manwela u Ġużeppi Mifsud.

GĦAXAQ — Ġużeppi u Maria Attard.

SAN ĠILJAN — Anna Pietru Grech. Pawla Mikiel u Maria Grech. Maria Wiġi Grezia Manwel Margherita Vira Spiru u Maria Zammit. Ġuditta u Dwardu Zammit.

TARXIEN — Maria Carmela Scicluna. Ester Gocci. Censu Camilleri.

GUDJA — Anġlu Dirjana Pace. Franġisku u Anġla Farrugia. Carmelo u Maria Zammit. Ġużi u Carmela Barbaro.

ZURRIEQ — Salvu Pawla Griscti. Franġiska Ġanni Pawlu Farrugia. Katarin u Maria Camilleri Marianna Ġanni Katarin u Ġovanni Bugeja. Censa Zammit.

SLIEMA SAN GIRGOR — Baskal u Adelida Crucetta. Oreste u Carmela Diacono. William Kingston. Pawlu Victor Nestor Katarin Toni u Ġuża Caffiero. Mikiel Grech. Lisa Mifsud. Salvu Carmela Shepherd. Censa Pace. Henry Pace Bonello. Ġovanna Baker. Maria Bondin. Bice Scicluna. Sara Falzon. Anġlu u Ġanni Falzon. Leone u Carmela Brincat. Carmelo Ester Psaila. Ġużi Spiteri. Rafella Manwel Carmelo Azzopardi Lily Ġanni Maria Salamone. Familja Bejacar.

ŻABBAR — Ketty Teresa u Pietru Pulis. Grezju Katarin Vella. Ġużi u Rosina Pulis. Toni Wenza u Gużi Bugelli. Franġisku Mattew Ġużi u Rosa Pullicino. Carmelo u Ursla Caruana. Consolata Kirkop. Ġużi Diacono. Vitor u Duminka Attard. Anġla u Toni Lia. Carmelo Pawlu Manwel u Teresa Carbona. Pawlu u Ġovanna Mallia. Ġużi Bugeja. Carmelo u Spiru Cammilleri. Ġuża Calafato. Filippa Camilleri. Filippu Anġla u Pawlu Farrugia. Wenzu u Censa Abela. Anġlu Annunziata u Ġużi Cauchi.

HAMRUN — Rosaria Dolores Zammit, Delina Grech. Ġużi Frendo Carmelo u Stella Ciancio. Mikiel u Maria Sciberras. Rosina Tabone.

QORMI SAN SEBASTIAN — Erweħ Tal Purgatoriu. Erweħ Ta Wied Għammiek. Carmelo Camilleri. Carmela Agostino. Crucifissa Zammit. Carmelo u Ġuża Falzon. Ġorġ Rosina Sultana. Carmelo Debono. Rosaria Carmelo Scicluna. Maria Farrugia. Toni u Anna Baldacchino. Ġużi Carmela Zammit. Maria Buhagiar Concetta u Pawlu Apap. Ġużeppi u Ġorġ Farrugia. Ġuża Meylak. Salvina Zammit. Anġolina Anġolinu Ġovanni Sammut. Filomena Busutil. Franġisku Lukarda Farruġia. Salvu Debono. Franġisku Maria Attard. Censa Apap. Feliċ u Ġovanni Borġ.

IMQABBA — Carmelo Pawlu Franġiska Ghio. Mikiel Zammit. Rokku Lisa u Ġużeppi Zammit.

GĦAWDEX

GHAINSILEM — Franġiska Franġisku Fredu Rosina Carmelo Pietru Cetta Bugeja. Tona Censu Carmela Salvu Caruana. Toni Refalo. Grezia Censu Wenzu Toni Carmelo Galea. Tona Cnesu Carmela Salvu Pantalaresco. Lonza Maria Salvu Gregoriu Costa. Manwel u Franġisku Sultana. Salvu Attard. Salvu Sultana. Carmela u Mauriziu Attard. Maria Mikiel Ġużi Anġlu u Carmela Curmi. Carmela u Ġanni Formosa. Teresa Camilleri. Maria Debono. Franġisku Mercieca. Rebecca u Ġuża Galea. Pawlu Debattista. Ġużi Mizzi. Rosa Grezia Ġanni Mikiel Butigieg. Ġużi Cutajar. Wenzu Spiteri. Adelide Cutajar. Ġużi Cikka u Pawlu Vella.

*Min-naħa tagħna niżguraw lil qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem mill-quddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.*